MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2008

Numru. 92/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**V**

**Emmanuele sive Noel Gruppetta ta’ 60 sena bin Vincent u Carmela nee Bugeja imwieled il-Hamrun fis-16 ta’ Lulju, 1948, residenti fl-indirizz “Sliem”, 15, Triq Balaguer, Balzan detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 468343 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Emmanuele sive Noel Gruppetta li gie akkuzat talli fis-27 ta’ Settembru, 2003 u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'diversi skritturi kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi,  jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skirtturi foloz.

Talli fl-istess cirkostanzi, b'falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, ghamel falsifikazzjoni fi skritturi privati li jkunu jistghu jaghmlu hsara lil xi persuna jew iggib utli. Jew aktar billi xjentement ghamel uzu minnhom.

Talli fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens tal-akkuzat ghall-istess.

Rat li in kwantu l-akkuzat ghazel li ma jwegibx ghall-akkuzi fl-istadju ta' l-interrogatorju allura l-Qorti ai termini tal-artikolu 392(5) tal-Kapitlu 9 ittrattat mieghu bhala mhux hati.

Semghet il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi kemm miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat, Dok NG u Dok NG1 kif ukoll mix-xhieda ta' Dr Louis Bianchi kif

ukoll ta’ William Shaw din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’ Gruppetta skond l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi jirrizulta wkoll illi fil-fatt l-istess akkuzat Gruppetta ma ghamel ebda qligh mill-azzjonijiet tieghu li kkagunaw dannu lis-socjeta’ li taghha hu kien impjegat anzi jidher li l-intenzjoni tieghu kienet biss li jghin kemm l-impjegat tieghu kif ukoll lid-debituri, kompraturi tal-vettura bis-sistema ta’ hire purchase.

Dana kollu kien anke rifless fir-relazzjoni tal-perit psikjatriku Dr Joseph Cassar Dok JC.

Illi kif gia premess din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’ Noel Gruppetta ghaliex fin in fondo ghalkemm l-intenzjoni ma kienx li jaghmel qligh hu, cioe ghalih personali, pero’ l-azzjoni hekk taqbel itehgu kienet abbuz tal-pozizzjoni tieghu, gabet qligh lit-terz a pregudizzju tas-socjeta’ kreditrici. Il-Qorti pero’ fl-ghoti tal-piena hija anke konfortata minn dak li xehed Dr L. Bianchi fil-konfront ta’ l-akkuzat kif ukoll ghall-fatt li gie dikjarat illi kien hemm possibilita’, anzi tentattiv ta’ tranzazzjoni mal-kumpanija kreditrici.

Ghaldaqstant issibu hati ai termini tal-artikoli 183, 184, 187, 188 u 18 tal-Kapitlu 9. Dwar il-piena konsiderando dak kollu premess u l-fedina netta tal-imputat, tenut kont ukoll tas-serjeta’ tal-akkuzi, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal tliet snin mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------